# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu,2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1854/99mm**

**Atlas Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, gia' Guardian Royal Exchange Assurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Zammit**

**vs**

**Emanuel Mula**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Dicembru 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' sitt mija u tmintax-il lira disgha u ghoxrin centezmu (Lm618.29c) in linea ta' danni mill-konvenut ikkagunati u minnha sborsati biex tindenizza

lill-assikurat taghha wara ncident awtomobilistiku li gara Santa Venera fil-15 ta' Gunju 1999 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura nru LAC 359 habat mal-vettura numru AAI 643 propjeta' ta' Alfred Zammit u misjuqa minn Joseph Zammit - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Novembru 1999, dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Novembru 1999, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-15 ta' Novembru 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccpixxa:

1. Illi preliminarjament trid issir il-prova ta' surroga valida tas-socjeta' attrici fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Zammit.

2. Illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku li gara Santa Venera fil-15 ta' Gunju 1999 bejn il-vetturi LAC 359  u AAI 643 ma kienx kagunat mill-konvenut izda sehh minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolament minn naha tas-sewwieq tal-vettura tal-assigurat tal-attur, cioe' Joseph Zammit.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-quantum tad-danni qed jigi kontestat.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara hdejn il-pompa tal-*petrol* ta' Santa Venera bejn Volvo *truck* LAC 359 misjuq mill-konvenut u Daewoo AAI 643 misjuq mill-assikurat tas-socjeta' attrici Alfred Zammit. Dan ta' l-ahhar xehed illi huwa kien qed isuq il-karozza fuq imsemmija go Cannon Road, Santa Venera, u kif qabez ir-r*oundabout* fejn kien hemm il-fabbrika tal-Canada Dry, ried jidhol fil-pompa tal-petrol fuq ix-xellug, ghalhekk xeghel l-*indicator* biex jindika li ser jidhol fil-pompa u ra illi kien hemm *truck* ipparkjat fuq ix-xellug tieghu. Hekk kif kien ghaddej minn magemb dan it-*truck* f'daqqa wahda jisma hoss, daqqa u jinduna illi dan it-*truck* kien dahal fih fuq in-nahha tax-xellug. It-*truck* kien *left hand drive* u peress illi kien wiehed gholi, x-xufier ma kienx f'posizzjoni jara lil Zammit ghaddej fuq in-naha tal-lemin ta' l-istess *truck*.

Meta Zammit gie muri l-isketch li pprepara s-surgent, qal illi ma jiftakarx illi fuq il-lemin tieghu kien hemm karozzi pparkjati, ghad illi nduna illi wara t-truck kien hemm karozzi ohra pparkjati.

Il-konvenut minn naha l-ohra a fol 54 jaghti versjoni daqsxejn differenti. Dana jghid illi dahal fil-pompa peress illi kellu *puncture* u quddiemu kien hemm truck tas-Seven Up. Dana beda gej lura u qal lix-xufier biex jieqaf sabiex il-konvenut jirriversja u t-*truck* ikun jista johrog bil-kumdita. Ghamel hekk u t-*truck* tas-Seven Up hareg u l-konvenut beda jsuq warajh biex johrog il-barra mill-pompa peress illi r-rota halliha hemmhekk ghat-tiswija. Il-karozza li habat fiha misjuqa minn Joseph Zammit giet minn warajh u ppruvat tghaddi mill-ispazju li kien hemm bejn it-truck u karozza pparkjata li kien hemm fuq il-lemin ta' l-istess truck. Dak il-hin tal-incident il-konvenut kien miexi bil-mod, *inching out*, it-*truck* kien *left hand drive* u ghalhekk kien difficli li jara min kien hemm fuq in-nahha tal-lemin tieghu. Il-konvenut ighid illi Zammit kellu hafna spazju minn warajh minn fejn ighaddi u ma kellux ghalfejn ighaddi nkaxxat minn fuq il-lemin bejn it-*truck* u l-karozza pparkjata.

Ikkunsidrat:

Illi minn dawn il-versjonijiet il-Qorti jidhrilha illi dik moghtija mill-konvenut hija aktar veritjera peress illi ghandha l-konfort ta' l-isketch li pprepara s-surgent tal-pulizija. Il-karozza misjuqa minn Joseph Zammit, l-assikurat tas-socjeta' attrici tidher infilzata bejn il-vettura tal-konvenut u l-karozza pparkjata fuq il-lemin. Din il-posizzjoni tikkorrobora l-versjoni moghtija mill-konvenut fejn minhabba l-posizzjoni tas-sewqan tal-vettura tieghu, kien fl-impossibilta' li jinduna bil-karozza ta' Zammit daqshekk vicin tieghu.

Minn naha l-ohra Zammit ighid li ra dan it-*truck* quddiemu u haseb li huwa qed jiehu d-diesel. Bir-rispett il-Qorti ma tahsibx illi dina kienet *assessment* korretta tas-sitwazzjoni illi kien hemm dak il-hin. Huwa ovvju li Zammit kien xi ftit aljenat meta dahal biex jiehu l-petrol biex ma setghax jiftakar il-karozza pparkjata magembu fuq il-lemin, aktar u aktar meta dina damet hemm xi zmien biex giet inkluza fl-isketch li pprepara l-pulizija. Huwa probabbli illi Zammit kien mghaggel, ried jiehu l-inqas distanza possibbli sabiex jasal ghall-pompa, ghazel illi jghaddi bejn il-karozza pparkjata u t-truck tal-konvenut u b'hekk sar l-incident. Mill-bqija l-Qorti ma tista tara xejn irregolari fis-sewqan tal-konvenut fejn allura ma jistax jitqies responsabbli ghal dawn il-hsarat li huma reklamati mis-socjeta' attrici.

Fil-kawza <u>Dr H Lenicker vs J Camilleri</u> deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972 il-Qorti qalet *"…f'kawza civili l-attur li jallega li gralu l-hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodifazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli."* (ara wkoll <u>Francis Paul Ebejer noe vs Malcolm Muscat</u> deciza mill-Prim Awla fis-17 ta' Ottubru,1997).

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ma lahqitx dak il-grad ta' prova necessarja biex turi li l-incident gara tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b'mod sodisfacenti, l-Qorti ma jkollhiex triq ohra hlief li tichad it-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg